*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 48**

**It-Tlieta 14 ta' Marzu 2023.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**48.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**48.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 47 li saret Nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023:***

**48.2.1** ***Korrezzjoni tal-Minuti:***

48.2.1.1 Il-Sindku qal li paġna 8 paragrafu 47.3.5 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fiċ-ċentru ta' matul il-jum jattendu mall-95 anzjan li l-maġġoranza tagħhom huma minn Wied il-Għajn.*

48.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li f'paġna 1 l-ewwel paragrafu għandu jinqata l-kliem *minħabba t-tixrid tal-Covid*.

48.2.1.3 Is-Sindku qal li paġna 3 paragrafu 47.2.1.11 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fuq paġna 2 artiklu 46.2.1.1 hu iltaqa mall-Perit u marru fuq il-post fuq fejn hemm il-luzzu int u ġej min naħa taz-Zejtun u l-Perita għandha tagħmel disinn u ħa tara x'permessi hemm bzonn.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier il-Perit John Schembri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**48.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 47 li saret Nhar t-Tnejn 13 ta' Frar 2023.***

**48.2.2.1** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega fuq paragrafu 47.2.1.10 rigward l-ispejjeż li kellhom jiġu rifużi mill-berġa.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi aħna preżentajna kont ta' madwar €30,000 fejn qal li waqt din il-laqgħa ġie diskuss li meta jinkera post fost ħafna affarijiet bħal ac's u bibien jkunu inklużi u għaldaqstant ma tgħamilx sens li tintalab ir-rifużjoni għalijom. Huwa kompla jispjega illi ġie maqbul li jirċievu s-somma ta' madwar €5000 apparti l-kera ta' €7000 fis-sena għaliex anke wieħed irid iqies li dan huwa servizz lir-residenti u anke hemm lokalitajiet li lanqas jitolbuhom għal kerha.

**48.2.2.2** Is-Sindku spjega fuq paġna paragrafu 47.2.1.14 rigward il-*mechanical sweeper* min naħa tal-*cleansing* fejn ġew ikejlu l-ispazju fejn ser jpoġġuh biex issir struttura mhux fissa wara il-binja tal-Kunsill u talabnihom jgħamlu *sketch* u jibgħatuwilna ħalli jarawha qabel il-Perit tapplika għalija għad-DNO mal-Planning Authority.

**48.2.2.3** Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 47.2.1.15 rigwrad it-tifrik li tħalla wara l-maltempata fejn tneħħa mill-*Cleansing Department* u l-ħaddiema tagħna fejn qal li għad fadal jitneħħew żewġ dgħajes minn taħt il-*bridge*.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri staqsa jekk il-ħadid ta' taħt il-bridge hux ser jissewwa għaliex tgħawweġ.

Is-Sindku wieġbu li dak ser jirrenġah il-ħaddied tal-Kunsill.

**48.2.2.4** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 l-ewwel paragrafu fejn qal illi fejn tpoġġew żewġ blokki tal-konrit minħabba l-periklu li hemm fil-Munxar, iżda kien hemm xi nies li jridu jgħaddu bil-vettura fejn qal li llum tkellem mal-Perit Janice Borg, il-Perit fi ħdan il-Maritime Authority fejn ikkonfermatlu illi qeda fil-fażi finali sabiex totjeni il-go ahead li jibdew ix-xogħol li jikkonsisti f'retaining wall u wave breaker u tinbena it-triq mill-ġdid fejn pjanat li x-xogħol jibda dan ix-xahar.

**48.2.2.5** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 47.2.2.10 rigward il-parkeġġ tal-iskola fejn qal li t-tabelli twaħlu kollha u kif ukoll li kuljum fis-6.30am jkun f'kuntatt mas-*security guard* fejn qal illi ma kienx hemm abbużi min-naħa tar-residenti għal użu tal-parkeġġ u din il-ġimgħa kien hemm karozza waħda biss li qabżet il-ħin u peress li ġiet fil-pront ma ġietx ittowjata. Huwa spjega illi tat-towing kien qed ikun hemm kuljum pero` issa ser jibda jissejjaħ biss meta jkun hemm bżonn.

**48.2.2.6** Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 47.2.2.11 fuq il-karnival tas-Sajf fejn qal li uffiċjalment saret it-talba pero` sa issa għad ma għandiex risposta.

**48.2.2.7** Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega fuq paġna 5 paragrafu 47.3.2 rigward il-problema tad-drenaġġ tal-klabb tal-boċċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-medda ta' drenaġġ ma Pjazza Dun Tarċis Aguis ma tistax issir għaliex ma kienx hemm biżżejjed qlib. Huwa kompla jispjega illi kienu waslu f'arranġament sabiex issir pompa u l-medda tiġi mqabda ma Triq Santa Tereżza, huwa qal li illum il-Perit infurmatu illi ltaqa mas-Sur Josef Debono il-Manager tal-waste water unit fejn ser jiċċekja għaliex probabli hemm biżżejjed fond u ma jkunx hemm bżonn ta pompa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sadanittant nfurmajna l-lands department fuq x'ser jiġri għaliex il-bini tal-klabb tal-boċċi huwa tal-lands u mhux tal-klabb.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li huwa importanti li jsir ix-xogħol malajr mingħajr iktar dewmien.

➢ ***Il-Viċi Sindku Janice Falzon u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar daħlu għal-laqgħa fis-6.33pm***

**48.2.2.8** Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 47.3.4 fuq ix-xogħol fi Triq iż-Żonqor fejn qal li l-Perit Zerafa Boffa qal li x-xogħol ser jibda fuq il-bankina minn ħdejn il-gabbana tal-Puluzija sa ħdejn id-dar il-ħamra fejn ser tinqala l-bankina kollha kif ukoll il-faxxa tal-konkos fejn hemm l-*ornamental lights*. Huwa qal li l-Perit Janice Borg fi ħdan il-Maritime Authority ikkonfermat ukoll li jistgħu jsiru l-*wave breakers*. Huwa qal li tlabna ukoll lis-Sur Fsadni tal-MTA sabiex jibdlulna d-dawl ornamentali fejn ser jsiru iktar diskusjonijiet dwar dan.

**48.2.2.9** Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 47.3.5 fuq il-vann tal-Kunsill illi ser ikun immeniġjat mill-Home ta Triq il-Baħħara fejn ser jinstaq minn żewġ ħaddiema tagħhom u ser jiċċarġjawh ħdejn il-Home huma matul il-lejla. Huwa qal li kien ċar magħhom li dan il-vann mhux ser jkun biss għas-servizz tal-anzjani tal-Home imma anke għal-anzjani tal-lokal li jkollom bżonn qadi ġol-lokal.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk sarx l-*management agreement* għaliex il-Home hija privata.

Is-Sindku qal li l-Home hija privata imma ċ-ċentru ta' matul il-jum m'huwiex privat u l-vann ser jintuża għaċ-ċentru ta matul il-jum.

Il-Viċi Sindku qalet li huwa importanti li l-*management agreement* jkun ċar illi l-vann ser jintuża għal-anzjani u residenti li għandom problema ta' transport u nestenduh għaċ-ċentru ta' matul il-jum. Huwa kompla jispjega illi hemm madwar 95 anzjan li jattendi għaċ-ċentru ta' matul il-jum illi l-maġġoranza tagħhom huma minn Marsaskala. Hija kompliet tgħid ukoll li jrid ikolna rapport kull xahar tat-telefonati li jkollom mir-residenti.

Kien hemm qbil li nqabdu l-Avukat tar-Reġjun sabiex jifformola dan il-*management agreement.*

**48.2.2.10** Is-Sindku tkellem fuq paġna 10 paragrafu 47.3.7 fejn qal illi l-fondi mirbuħa mill-waste serve għas-sena 2020 ser jinxtraw *f'doggy bins*.

**48.2.2.11** Is-Sindku tkellem fuq paġna 11 paragrafu 47.3.13 rigward l-*bus shelter* ta' Triq ix-Xatt fejn qal illi l-*bus shelter* huma responsabli għalijom l-AKL.

**48.2.2.12** Is-Sindku tkellem fuq paġna 11 paragrafu 47.3.11 fejn qal illi t-*toilet* ta' ħdejn il-venda jrid jinbidel u mhux jitnaddaf biss u talab biex isir *reminder* lis-Sur Ivan Pierre Vella sabiex jinbidel kemm jista jkun malajr.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa minn hu responsabli mill-*maintenance* tal-*bus shelters* għaliex ħafna minnhom huma bla dawl.

Is-Sindku qal li niktbu lis-Sur Mario Fava tal-AKL.

**48.2.2.13** Il-Sindku tkellem fuq paġna 11 paragrafu 47.3.16 qal li l-*contracts manager* kien kelmu u infurmah li kien diġa neħħa *reserved parking* li ma kienx għadu qed jintuża.

Il-Viċi Sindku qalet li qed tikkomunika mal-*contracts manager*.

**48.2.2.14** Is-Sindku tkellem fuq paġna 12 paragrafu 47.3.17 fejn qal illi l-laqgħa mal-*Bolt* saret li għalija kien hemm il-Kunsillier Charlot Mifsud preżenti pero` sa issa għadom ma bgħatux proposta bis-soluzzjoni.

Il-Viċi Sindku qalet li jidrilha li kien hemm xi *emails* wara min-naħa tal-*Bolt* li kienu qed jistennew risposta min-naħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud talab biex fil-minuti jitnizlu minn kienu l-Kunsilliera preżenti waqt il-laqgħat, peress li hu attenda fil-laqgħa tal-Bolt u f'diversi laqgħat oħra. Huwa qal li s-soltu huwa dejjem imniżżel il-Kunsillier preżenti u jekk forsi l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ma ssemmiex żgur li kien żball ġenwin.

**48.2.2.15** Is-Sindku tkellem fuq paġna 47.3.21 fuq il-problema tal-parkeġġ tal-karrijiet peress li sar il-masġar wara l-pixxina fejn qal li kien hemm qbil illi s-sitt dgħajjes li hemm ħdejn il-*winch* jibqu hemm u l-kumplament jaraw kif jistgħu jdaħlu kemm jistgħu ħdejn il-masġar u li jifdal ġie issuġġerit li jitpoġġew San Tumas il-ġewwa.

**48.2.2.16** Is-Sindku tkellem fuq paġna 13 paragrafu 47.3.23 fejn qal li min-naħa tal-Polonja riedu li titnizzel il-kelma *twinning* u peress li dan ma jistax jsir allura mhux ser jiġi iffirmat l-ebda *agreement* u ser ngħinu lill-xulxin b'mod verbali u ma jinvolviex finanzi.

**48.2.2.17** Is-Sindku tkellem fuq paġna 13 paragrafu 47.3.25 fejn qal li s-Sinjura Aquilina tal-MTA qed tieħu ħsieb ħafna xogħol fil-lokal fostom qtugh tal-qasab fi Triq is-Salini, tiswija ta' sielem, tneħħija ta dgħajjes taħt il-moll u xogħol ieħor.

**48.2.2.18** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 47.3.4 fejn staqsa jekk bagħtniex l-approvazjoni min-naħa tal-Kunsill biex isir il-*wave breaker*.

Is-Sindku qal li trid tinbgħat wara li jkun hemm approvazjoni min-naħa tal-Kunsill għaliex il-Perit Borg bdiet tibża li jaqbeż xi ħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li hemmek kull ma hemm għoli ta metru u importanti li jsir għaliex il-mewġ qed jitla mal-faċċatti tan-nies u fuq il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa importanti li nibgħatu lil Perit Janice Borg u s-Sindku qal li nibgħatula fejn ninfurmawha li hemmek ma jaqbeż ħadd.

48.2.2.19 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paragrafu 47.3.6 paġna 10 it-tielet paragrafu fuq il-prijorita` ta' Triq La Sengle sabiex tingħata bit-tarmak.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tiġi diskussa iktar tard.

48.2.2.20 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paragrafu 47.7.1 paġna 14 rigward l-appell tal-PA/00454/22 tal-istallel fi Triq il-Blajjiet fejn staqsa jekk membri tal-Kunsill hux ser ikunu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li f'appelli bħala dawn tal-EPRT, anke f'Kunsilli oħra jibgħatu l-Avukat jew il-Perit tal-Kunsill għaliex jitkelmu fuq affarijiet tekniċi. Huwa kompla jispjega illi huwa kien informa lil Perit fejn infurmatu lura li aħjar jekk nibgħatu l-Avukat. Huwa qal li ma qabiliex mgħaha għaliex dawn ser jeċitaw ċertu *issues* li hemm fil-*policies* u dawn jirrispondi għalijom il-Perit.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal li i-tnejn jridu jmorru kemm l-Avukat u kemm il-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta jkollna appelli bħal dawn jridu jintbagħatu l-Perit u l-Avukat tal-Kunsill u dawn jer jiġi jiswew ammont konsiderevoli għaliex dawn jridu jkunu qed jirreferu għal *policies* li jkun qed jinkisru.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li jaqbel perfettament mas-Segretarju Eżekuttiv għaliex ħafna mid-drabi dawn ikunu jibbażaw fuq il-*policies* u fuq il-liġi u għaldaqstant għalhekk l-aħjar li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill u jkun assistit nil-Perit u mil-avukat tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress ser jsir għada ħa jidħol għal appell hu u ħa jilħaq jinforma lil Perit ukoll.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li s-seduta tas-16 ta' Marzu fl-4.00pm wara li iċċekja tidher li hija l-ewwel seduta tal-appell.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal peress li hija l-ewwel seduta ser jidher hu u anke talab lil Kunsillier is-Sur John Camilleri biex jidher, fejn min-naħa tiegħu nfurmah illi huwa qed joġġezjona bħala resident.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa ser jkun ċar li bħala Kunsill ma jaqbilx li issir applikazzjoni fuq stallel biex umbagħad tinbidel f'residenza.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li il-policy tat-2014 l-*agricultural policy scheme* fetħet ħafna bibien.

Is-Segeretarju Eżekuttiv qal li probabilemt mhux ser jkun possibli li l-Avukat jkun preżenti.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li probabilemnt peress li hija l-ewwel seduta jitlob li jingħata d-dritt li jressaq is-*submissions* tal-Kunsill quddiem l-appell. Huwa qal li huwa importanti li għal inqas jkun hemm rappreżentaza ta darba jekk f'każ dan l-appell jitressaq quddiem il-qorti.

48.2.2.21 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 14 paragrafu 47.7.2 rigward it-*tables and chairs* fejn qal illi l-messaġġ jrid joħroġ ċar għaliex bħala Kunsill mhux qed nkunu kontra li l-istabbilmenti li jkollom l-imwejjed u siġġijiet barra pero` peress li fi żmien il-pandameji kienu ingħataw permess speċjali sabiex jinħarġu ktar imwejjed u siġġijiet f'dak iż-żmien partikolari issa jibqu joħduh għal dejjem. Huwa kompla jgħid illi l-messaġġ tal-Kunsill kellu jkun li huwa jkunu gwidati kemm huwa il-limitu ta' *square metre* li għandom għad-dispożizjoni tagħhom. Huwa semma każ li ra b'għajnejh minn ħanut fil-pjazza fejn in-nies ma setgħux jgħaddu minn fuq il-bankina minħabba li kellhu ħafna mwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-informazjoni tal-imwejjed u siġġijiet mhux qeda għand il-Kunsill imma għand id-Diartiment tal-Gvern lokali. Huwa qal li huwa kieteb kemm lid-Direttur tal-Kunsill Loklai u kemm lid-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali fejn talabhom l-informazzjoni kollha rigward mwejjed u siġġijiet fil-lokal tagħna.

Is-Sindku dejjem spjega illi dan ix-xogħol ta' regolirazzjoni jrid jiġi min-naħa tal-lands.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk aħna għandix informazzjoni dwar istabilementi li għandhom jew m'għandomx permess.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li le u meta staqsa għal din l-informazzjoni irreferewh tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn min-naħa tiegħu hekk għamel.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li is-sens tad-diskusjoni fil-laqgħa preżenti kienet li għandna jkolna informazzjoni dwar minn għandu permess tal-imwejjed u siġġijiet u sa fejn huwa il-permess maħruġ tal-*encrochment* ħalliex jekk ikolna ilment mingħand xi ħadd inkunu nafu l-area li dan l-istabiliment għandu permess dwaru qabel nirrapurtaw lil Lands.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-passat konna tlabna lil Lands sabiex jimmarkaw mal-art l-*area* tal-permess ta' kull stabbilment u aħna umbgħad nimmarkaw biż-żebgħa, iżda din qatt ma saret.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 16 paragrafu 47.9.1 jekk kelniex risposta mingħand il-Perit jekk hux ser jsir patching bil-*hot asphalt*.

Is-Segrtarju Eżekuttiv qal li il-Perit mogħbbija b'ħafna xogħol għalkemm kien kellima verbalment bil-bżonn ta' *patching* f'Bellavista.

Is-Sindku qal li Bellavista ma jista jsir xejn għalissa peress li hemm xogħol li jrid isir mill-WSC.

Il-Viċi Sindku qalet li qed jilmentaw ukoll li Triq il-Bajda u s-Sewda fejn qed jibnu sfrundat it triq.

Is-Sindku qal li hu tkellem mal-iżviluppattur fejn qallu illi it-trakkijiet ta' Polidano qed jgħamlu il-ħsara u qal li fejn infittxu lil Polidano dirett jew inkella infittxu lill-Iżviluppattur għaliex hemmek hemm id-dreanaġġ u ser issir ħsara iktar. Huwa qal li għandu jistenna risposta għada.

48.3 **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

48.3.1 **<u>Attivita` marbuta ma' San Girgor Marsaxlokk u Zejtun (35/1016/23/I).</u>**

Is-Sindku qal illi r-Reġjun Nofsinhar ser jorganizza żjara għar-residenti biex jattendu l-attivitajiet ta' San Girgor u jirrimborsana tat-transport. Is-Sindku saqsa lil Kunsilliera s-Sinjura Maryrose Mifsud sabiex taqqad grupp ta' 12 ir-ruħ.

48.3.2 **Road hump Dahla ta' San Tumas:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit infurmati lill-Kunsill illi *traffic lights* fejn ma jkunx hemm bankina fuq iż-żewġ naħat ma jistgħux jsiru. Huwa kompla billi jgħid illi ftit tas-snin ilhu kienu saru r-*road humps* minn TMalta u nqalu u issa qed nerġu niproponu li issir *road hump.*

Il-Viċi Sindku qalet li hija tal-opinjoni li ssir *speed camera.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-passat tlabna għal speed camera imma ma approvawiex.

Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li issir *road hump* għaliex din il-*hump* ser tkun tat-tarmak u ser tkun 3.7m u minħabba li hemm ir-ristorant jkun hemm ħafna nies speċjalment il-Ħadd.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal li huwa ma jaqbilx li ssir *speed camera* u jekk hemm bżonn issir iktar minn *road hump* waħda.

Il-Viċi Sindku qalet li anke r-*road hump* li hemm fil-preżent għanda il-lakstu maqlugħ fin-nofs.

Il-Viċi Sindku qalet li hija tal-opinjoni li nitolbu speed camera u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri issekonda.

Id-diskussjoni tkompliet fuq il-bżonn ta' *speed camera* jew *road hump*.

Il-Viċi Sindku Janice Falzon, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri, il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier il-Perit John Schembri u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar qablu li ssir *speed camera*, filwaqt li l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri, is-Sindku u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud ma qablux.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li jekk ma jilqugħx it-talba tagħna ta' *speed camera* filkas issir *road hump*.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri iddikjara li huwa ma jaqbilx mar-*road humps*.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal *speed camera* u jekk ma tiġiex milqugħa terġa tiġi imresqa il-Kunsill u bħala speed limit ma jkunx inqas minn 50km/hr.

48.3.3 **Laptop/Pc Free amintenance proposal for all valletta residents.**

Il-Viċi Sindku spjega li aħna bħala Kunsill inħalsu *fee* fis-sena u ir-residenti ta' Marsaskala jkollom *free servicing* jew *software* li kieku kellhom jgħamluha personali jiswa madwar €150.

Il-Kunsill qabel li nitolbu iktar informazzjoni u nresquha fil-laqgħa li jmiss.

48.3.4 **Skemi ghall Kunsilli Lokali 2023 l-ewwel parti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm tlett skemi

SPI/SCI/01/2023 Skema ghall-attiviatjiet Kulturali Annwali 2023/2024
SPI/SCI/02/2023 Espressjoni ta' interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.
SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' interess The World cleanup campaign 2023.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skema fiha ħafna xogħol u importanti li jaraw li jkun hemm id-dokumenti kollha neċessarja ħalli ma jinqalawx problemi wara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jekk nistgħux napplikaw għal Karnival.

Is-Sindku qal li il-Karnival ser jsir mill-Gvern.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal iskema SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku flimkien mas-Sindku, l-Kunsillier Mary Rose Mifsud, il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jaħdmu sabiex issir l-applikazjoni kif ukoll jorganizzaw din l-attivta`.

Kien hemm qbil ukoll li jekk tiġi aċċettata l-applikazzjoni , tinħareġ sejħa għall-offerti.

48.3.5 **<u>Photo from John Camilleri (35/1019/23/I)</u>**

Is-Sindku qal li hemm infurzar fuq il-Kiosk tal-Fajtata u infiurmat mill-Lands li qeda fuq ir-roti u għanda il-permess tal-*trading*, iżda qed teħel multa minħabba li qed toħroġ imwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li billi weħlet ir-roti din xorta mhux qed tmexxi il-gabbana.

48.3.6 **<u>Email Edward Calamatta (35/1050/23/O)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jirreferu għal-iskavar fi plot kbira li qed jsir fi Triq l-Għaġuza u dawn ir-residenti qed jitolbu sabiex din it-triq tidħol fil-lista tal-MTA li ma jistax jsir skavar mill-15 ta' Ġunju sal-aħħar ta' Settembru.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li nistgħu nitolbu sabiex ma jsirx skavar fix-xhur tas-sajf għaliex apparti li hija *tourist area* fil-preżent hemm nuqqas kbir ta parkeġġ minħabba li tneħħa il-parkeġġ minħabba dan il-proġett u fis-sajf kulħadd jaf li dik l-area tiġi frekwentata ħafna għal għawm u anke bbq.

Kien hemm qbil li nibgħatu lil MTA sabiex tidħol fit-tourist zone area għal dan is-sajf. U l-iżviluppatur jiġi notifikat immedjatament.

48.3.7 **<u>Break Water Triq San Ġorg:</u>**

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk għandiex informazzjoni meta ser jitlesta il-*break water* ta' Triq San Ġorg għaliex dieħel is-Sajf

Kien hemm qbil sabiex nistaqsu lil *Maritime Authority*.

48.3.8 **<u>Fuljett tal-Banda:</u>**

Is-Sindku li bħal kull sena joħroġ il-fuljett tal-banda tal-Ġimgħal-kbira min-naħa tal-Kumitat tal-Każin tal-Banda Sant'Anna fejn aħna kunu nvolutu fih permezz tal-logo tagħna u ser jiswina €250.

Kien hemm qbil dwar dan.

48.3.9 **<u>Donazzjonijiet lil Klabbs:</u>**

Is-Sindku qal li peress li s-sena li għaddiet ma konniex tajna id-donazjonijiet fostom il-klabb bħal Marsaskala FC, Futsal, Għaqda tan-Nar, Marsaskala Aquatic Sports u dan minħabba li finanzjarjament ma tantx konna stabbli minħabba spejjeż minħabba spejjeż fil-binja tal-Kunsill, issa minn din is-sena nissuġerixxi li dawn il-fondi jerġu jibdew jingħataw.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

48.3.10 **<u>Laqgħa Ivan Pierre Vella circulation van:</u>**

Is-Sindku tkellem fuq il-laqgha li kellu mas-Sur Michael Cohen u s-Sur Ivan Pierre Vella fuq *diversion* ta' rotta minn Triq Thomas Ashby għal Triq il-Qaliet. Huwa qal li tkelmu wkoll fuq *pilot project* ta' *circulation of minibus* lejn Bella Vista u Zonqor.

48.3.11 **<u>Laqgħa mall-Ambaxxatur Ċiniz:</u>**

Is-Sindku tkellem fuq il-laqgħa li kellhu flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier is-Sur Maryrose Mifsud u s-Sinjura Rebecca Micallef fil-Lukanda Exelsior li saret nhar is-27 ta' Frar fis- 2pm rigward Briefing China Congress and China-Malta relations. Mr Guo Yezhou Vice Minister of International Department of the CPC. Huwa qal li din id-diskussjoni mal-Ambaxxutur Ciniz flimkien mal-Vici MInistru Ciniz fejn giet spjegata l-Pozizzjoni tac-Cina fuq il-krizi tar Russja u l-Ukraina.

48.3.12 **<u>Laqgħa mal-BCA</u>**:

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud kellhoma laqgha mportanti hafna mal-BCA rigward regolamenti godda fuq abbuz minn kuntratturi fuq siti ta' kostruzzjoni.

48.3.13 **<u>Laqgħa Puluzija tal-komunita`:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud saret laqgha mal-Pulizija tal-Komunita xejn gew diskussi punti u hareg lin ser jizdiedu xi sieghat ta` patrol fix-xhur tas-sajf specjament fuq il-*promenade*.

48.3.14 **<u>Laqgħa Michael Cohen diversion ta rotta Thomas Ashby:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kellem lis-Sur Michael Cohen minħabba *one way systems* f'Bellavita fejn kellem lil Contracts Manager sabiex jgħamel pjanta ta kif inhi fil-preżent u kif tista tiġi.

Il-Viċi Sindku qalet li jkun hemm żewġ proposti u issir *public consultation*.

**48.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**48.5** **<u>Rapporti:</u>**

**48.6** **<u>KLM 2022/05 Tender for upgrading of soft flooring and gym equipment of an area within Gnien San Tumas Matsaskala including pavement works and street furniture using environmentally friendly materials and practices.</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi din is-sejħa ġiet evalwata mill-bord u kien hemm offerent wieħed. Huwa qal li għalkemm dan l-offerent huwa *administravily, technincally and financially complinat*, l-offerta tiegħu hija over the estimated budget ta' €44,000.00 Huwa kompla jispjega illi l-fondi mirbuħa huma €35,000.00 u l-offerta hija €68,000.00. Huwa kompla biex jistaqsi lil Kunsilliera jekk hux vijabli li l-Kunsill joħroġ din id-differenza sabiex isir dan il-proġett.

Il-Viċi Sindku staqsiet jekk nistgħux nerġu napplikaw għal din l-iskema skond l-ammont li issottommeta dan l-offerent u il-fondi allokati preżenti jsir proġett ieħor. Hija staqsiet ukoll jekk nistgħux nutilzzaw il-fondi mill-LESA u l-kumplament tal-finazjarja ta' dan il-proġġett jiġi miksub minn skema oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien tkellem mas-CEO tal-Lesa fejn staqsieħ jekk jistax jsir *downsizing* ta' dan il-proġett għalkemm ma jistagħax jnaqsu b'50% tal-offerta ta' dan l-offerent, jew inkella nutilliżaw dawn il-fondi sabiex nixtru vann tal-Kunsill, fejn għad jrid jiċċekja.

Il-Viċi Sindku qalet jekk il-fondi iridu jintefqu fuq ġnien San Tumas forsi jistgħu jintefqu fil-mozzjoni li ser tressaq rigwrad id-*drip irrigation* fi Ġnien San Tumas.

Is-Sindku qal li għada għandu laqgħa ma TMalta fejn propju waħda mill-affarijiet li ser jiġu diskussi huwa l-*iscoooters* li konna irbaħna u ser jistaqsijom jekk nistgħawx ningħataw fondi sabiex jinxtara vann tal-Kunsill. Huwa spjega li huwa kien ħaseb li ser jgħatina scooters u drivers pero dan ser jgħatu grant biss u aħna ma għandiex minn isuqhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan it-tender għandu jaqa għaliex apparti li huwa over the estimated budget b'mod konsiderevolji hemm is-somma ta madwar €20,000 li l-Kunsill jrid jqabbad lil kuntrattur tiegħu sabiex jkisser il-base tal-area tal-*gym equipment*.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk jistax jinbidel it-tapit b'tapit ieħor mingħajr ma jintmiss il-base.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li le għaliex jiddetermina kollhom skond il-*critical height*.

Kien hemm qbil li dan it-tender ser jaqa u ser nistennew ir-risposta mingħand il-LESA kif nistgħu nutillizaw il-fondi.

**48.7** ***Korrispondenza:***

**48.7.1** **Klejm tal-vettura tas-Sinjura Maryann Wollard (35/0764/23/I):**

Is-Sindku qal illi l-Bidni it-triq fil-Bidni tkissret min-naħa tal-WSC minn xogħol li sar mir-Rockcut u għaldaqstant huwa tal-opinjoni illi l-klejm tinbgħat lil WSC.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa għalhekk ilhu jisħaq ħafna biex issir għaliex ir-residenti qed iġarbu l-ħsarat.

Kien hemm qbil li nirreferuha għal WSC.

**48.7.2** **Proposta Summer 2023 mingħand it-TCTC (35/0893/23/I):**

Is-Sindku qal li TCTC qed joffru kors ta' innovazzjoni diġitali module 1 li jikkonsisti f'unit 1 nifhmu kif jinbena kompjuter, unit 2 tagħlim dwar kif tagħmel il-proġetti tal-iskola u unit 3 game programming għal prezz ta' €1500 għal 50 student li l-ewwel preferenza tingħata lit-tfal li joqgħodu Marsaskala umbgħad jekk jifdal postijiet vakanti tingħata għat-tfal li ma jigħxux ġol lokal. Dan għandu jsir bi preżentazzjoni tal-*id card* u finalment tit-tfal jħalsu €5 tan-notes. Huwa qal ukoll sabiex il-ħlas tal-posta jħalsuha t-TCTC ukoll pero` għand ma kellux risposta.

Kien hemm qbil dwar dan il-kors.

**48.7.3** **Proġetti innovattivi u edukattivi fil-Kunsilli wara l-Pandemija (35/0835/23/I)**

Ġiet diskussa f'paragrafu 48.7.2.

**48.7.4** **Pjan ta' Ħidma 2023-2025 (35/0844/23/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara l-aħħar laqgħa tal-Kunsill kif bgħat lis-Sinjura Emeline Fenech fi ħdan it-TMalta sabiex tingħata il-prijorita` assoluta sabiex issir il-kostruzzjoni mill-ġdid parti ta Triq La Sengle. Huwa spejga li aħna konna bgħatnijla lista ta' otroq li għand jsiru fis-snin 2023, 2024, 2025.

Is-Sindku qal li din kellha tgħatina data oħra biex niltaqgħu imma sa issa għada ma tgħatniex risposta u stieden lil Kunsilliera sabiex minn hu interessat jattendi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-laqgħa qed tissejjaħ sabiex jiġi diskuss fid-dettal kif ser jiproċedu biex jimplimentaw dan il-pjan fuq bażi amministrattiva u teknika. Huwa kompla jgħid li aħna mhux nies tekniċi u l-importantza tal-Kunsill hija li jibdew minn Triq La Sengle.

**48.7.5** **<u>Catacombs in Triq il-Katakombi Marsaskala (35/0789/23/I)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi is-Sinjura Corrine Caruana fi ħdan is-Sopritendenza tal-Patrimonju Kulturali qed titlob sabiex jsir *guardianship deed* tal-katakombi fejn dan jirriżulta illi ir-responsabbilita` tiġi f'idejn il-Kunsill Lokali. Huwa spjega li sabiex dawn il-katakombi jiġu aċċessibli għal pubbliku jrid jintefa permess il-*Planning Authority* u trid tiprovdi aċċessibilta` għal kulħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li huwa ma jaħsibx li aċċesibilita li tfissirx li anke għal persuni bl'użu tas-siggu tar-roti.

Is-Sindku qal li lanqas hu ma joqgħod bil-wieqfa ġo fih.

Is-Sindku spejga li meta marru fuq il-post flimkien mal-esperti u kien hemm il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud preżeneti, fejn fetħu l-bokka u qal li dik il-bokka mhux l-entratura u anke għandu pjanti bgħatomlu resident. Huwa kompla jispjega li min-naħa tal-*Cultural Heritage* offrew li jnadfuh u jirrenġawh u wara jgħaddi għand il-Kunsill. Huwa qal li dawn patrimonju meta anke wieħed jikkonsidra il-proġetti tal-madwar bħal bini tal- Jerma u restawr li qed jsir fuq Torri San Tumas. Huwa qal li qed jistenna lil tal-Ecological jiġi jbattlu mill-ilma dejjem fil-preżenza tal-esperti min-naħa taghomu wara naraw jekk għandux jiġi iffirmat dan il-kuntratt.

Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill ma jistax joqgħod jibża li jgħamel *guardianship deed* għaliex ser nispiccaw nitilfu kull patrimonju li għandna fil-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li din hija barka li is-*Supretendent tal-Cultural Heritage* lest li jgħaddilna patrimonju bħal dan. Huwa kompla jispjega li l-ewwel għandu jitbattal ħalli jkunu jistaw jaraw x'hemm bżonn jsir għaliex bħalissa impossibli tkun taf.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li wieħed jrid jara minn fejn ġej l-ilma.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li jrid isir pjan ser u anke tissolva il-problema tal-ilma u jrid jitnaddaf b'metodu approvat.

Is-Sindku qal li dan kollox f'idejhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jrid jkun jitqabbad Arkejoloġista.

Is-Sindku qal li l-graffiti li hemm huma rari u ma tantx issib bħalhom Malta għalkemm mhux qodma.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud li dawn huma bil-latin.

Il-Viċi Sindku qalet li dawn huma l-uniċi katakombi li huma ta' żmien il-Puniċi li huma intatti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kull azzjoni li tittieħed mill-Kunsil trid tkun bl'approvazjoni tas-*Supretendent tal-Cultural Heritage*.

- ***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ħareġ mill-laqgħa fit-8.35pm***

**48.7.6 Easter Egg Hunt (35/0877/23/I):**

Is-Sindku spjega li Avukatessa ta' Puttinu care is-Sinjura Victoria Buttigieg Depiro avviċinatu sabiex tiġi organizzata *easter egg hunt* u l-flus li jinġabru jmorru għal Puttinu Care. Huwa kompla jispjega li ġab sponsor ta' tlett trophies, hi ser iggib sposor ta' tlett *easter eggs* u kull ma ħa jkun hemm spejjeż huwa tal-bajd żgħir jew xi ħaġa oħra biex it-tfal jfittxuhom.

Is-Sindku qal li wara li għamlet il-poster għaddieh lil Kunsilliera biex jarawh u ma kien l-ebda ħieb li ssir xi ħaġa minn wara dahar xi Kunsillier. Huwa kompla jispjega li din ser issir il-Ħadd 2 ta' April fl-10.30am.

Il-Viċi Sindku talbet biex ikunu infurmata bl-attivitajiet

**48.7.7 Permit for bouncy castle (35/0873/23/I):**

Is-Sindku qal li din qed titlob il-persuna sabiex tarma *bouncing castle* fil-Ġnien Sant'Anna u qal li imptortanti ma tagħlaqx l-aċċess għal clinic, kif ukoll egg hunt fl-10 ta' April 2023.

Il-Kunsillier John B Camilleri qal li importatni li l-Kunsill ma jkunx responsabbli f'każ li jweġġa xi ħadd għaliex l-aħħar darba kien hemm xi nċidenti żgħar peress li ma kienx hemm tapit fejn waqu it-tfal.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsew jekk jistgħax jsir ħdejn l-Għassa.

Is-Sindku qal li semmew il-klabb tal-Boċċi.

Kien hemm qbil li jsir il-*bouncing castle* pero` ma jgħalaqx l-aċċess għal *Clinic*.

**48.7.8 St Thomas Garden Intervention Report Brief (35/0936/23/I)**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li biex isir dan il-proġett qed jitolbu sabiex bħala Kunsill ngħamlu trinka u jsir *output* għal *drip irrigation* u jinqabad mal-main li hemm ħdejn iz-*zebra crossing*.

Il-Kunsill qabel li jsir id-*dripping irrigation system.*

**48.7.9 Charging Pillars (35/0834/23/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan ir-residenti qed jitlob dawn iċ-*charging pillars* għaliex għandu karozza tal-elettriku u ma għandux garaxx jew entratura għad-dar. Huwa qal li ser noħolqu preċedent għaliex kull minn ma għandux garaxx ser jitlobu sabiex ngħamlu *temporary reserved parking*.

Kien hemm qbil li ma tiġiex approvata.

**48.7.10 Demolition and excavation permit (35/0886/23/I):**

Din ġie diskussa f'paragrafu 48.3.6

**48.7.11 Charging Pillars (35/0665/23/O):**

Din ġiet diskussa f'paragrafu 48.7.9

**48.7.12 LC Care Project Grant Support Scheme 2019 (35/0648/23/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan huwa l-grant tal-qtates l-ewwel wieħed li applikajna għalijom fejn kienu talbuna sabiex nibgħatulhom id-dokumenti kollha oriġinali fejn għal ewwel ma qbiliniex għaliex jkollna bżonnhom għal-Awdituri, iżda wara li innutaw li dan kien stipulat fil-kuntratt iffirmat, bgħatna id-dokumenti oriġinali bil-posta.

Huwa kompla jispjega madwar wara sena reġgħu talbu id-dokumenti oriġinali fejn infurmajnijom li diġa konna bgħatnijom iżda baqgħu jitolbuhom sakemm bgħatulna iktar li qed jitolbu il-flus lura.

Is-Sindku qal biex nibgħatu ittra b'Avukat.

Il-Viċi Sindku talbet ftit ċans qabel ma nibgħatu ittra b'Avukat.

Kien hemm qbil li ngħatu ċans lil Viċi Sindku tkellimhom u anke filkas nibgħatu email lil Onor Alicia Said.

**48.7.13 EAFRD Measure 4.3 Agreement between Infrastructure Malta and the Local Councils.**

Is-Sindku qal li triq fil-limit tal-Blajjiet li tgħati għal kappella ser issir semi *pedestrain* u ser issir bil-paviment pero` mhux ser tkun parti bħal Inwadar.

Il-Kunsillier is-Sur John b Camilleri qal li fil-ġnub importanti li jitnaddaf ser għaliex bilkemm jgħaddu minn hemm minħabba il-ħaxix.

**48.7.14 M19.2 Sub Measure 4 Marsaskla Local Council Procurement Verifications KLM 2021/02R:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija rigward Ġnien Sant'Anna fejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u anke Gal Xlokk jinsabu jaqblu magħna minħabba il-fatt illi peress wieħed mill-membri tal-bord inbidel u aħna ma niżżilniehx fil-minuti għaliex mhux obbligati li ngħandlu dan, persuna fi ħdan L-ARPA trid tippenilizzana u tnaqqas 25% tal-fondi. Huwa qal li s-Sur Tabone tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ser jkellem lil din ir-rappreżentant tal-ARPA u jekk tibqa tinsisti li trid tippenalizzana ser jaraw jekk jistgħu ftixxu fuqu dan il-każ. Huwa kompla jgħid illi pero` għalkemm bħala Kunsill mhux obbligati xorta konna għaddej it-tibdil ta' dan l-evaluator b'mod reotrattiv pero` min-naħa tal-ARPA ma ġietx aċċettata hekk.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa minn hi l-ARPA,

Il-Viċi Sindku wieġbet li din hija aġenzija tal-Gvern taqta taħt l-agrikoltura. Hija talbet ukoll xi informazzjoni rigward dan il-każ sabiex tkun tista tkellem xi ħadd hija ukoll.

**48.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**48.8.1** Il-Kunsillier staqsa fuq pagamenti 4753 rigward il-black bags.

Is-Segrtearju Eżekuttiv wieġbu li huma l-boroż li jintużaw fil-bins tal-ġonna.

**48.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagamaent 4770 rigwrad ir-railing fejn sar.

Is-Sindku wieġbu li dal sar ħdejn il-blat l-abjad u l-fondi ser jiġu rifużi min-naħa tal-MTA.

***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**48.9 Mozzjonijiet:**

**48.9.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku u issekondata mill-Kunsillier Charlot Mifsud (128 – 13/02/23):**

*"Jipproponi peress li ilna għal dawn l-aħħar 13-il xahar fil-binja ġdida tal-Kunsill naħseb li wasal il-waqt illi jitwaħħal l-isem tal-Kunsill tagħna flimkien mal-Logo fuq il-faċċata tal-binja. Sempliċita' ma hemmx isbaħ minnha. Għaddejt mill-Fgura u kull ma għandhom l-isem u Logo. Konna bdejna naħdmu fuqha izda peress li kelna ftit problemi finanzjarji waqafna. Kienu wkoll inġabbru xi kwotazzjonijiet."*

Kien hemm qbil li jsir tal-perspex u nitolbu disinn.

**48.9.2 Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri (129 – 8/03/23):**

*"Jipproponi li fil-Ġnien tal-familja ta' Triq il-Qaliet, il-Kunsill jieħu ħsieb li jinstalla pajpijiet tal-ilma fis-soft areas il-kbar ta' ma triq. Dan sabiex jintużaw għal drip irrigation li ħa tkun qed tintuza biex jikkumplimenta il-proġett imressaq illum tal-Ġnien San Tumas minn Ambjent Malta."*

Il-Viċi Sindku qalet li dan ser jsir kollox minn Ambejnt Malta bil-permessi b'kollox u kull ma jridu minn għanda huwa li ngħamlu l-outlets.

Kien hemm qbil li nqabdu lil kuntrattur tgħana biex jgħamel trinka u pipe.

**48.9.3 Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mis-Sindku (130 – 14/03/23):**

*"Tipproponi li jsir xi ħaġa ħdejn il-Beano's (junction) int u ħierġa minn Triq il-Vjola fejn hemm salib it-toroq għax qed ikun hemm ħafna inċidenti u xejn sbieħ. Għandu jiġi rikonoxxut bħala accident black spot u jittieħdu miżuri minn Tmalta biex dan jieqaf."*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li waħda trid issir kif tabbeż il-muxrafijau anke jitwaħlu t-tabelli tal-istop sign.

Kien hemm qbil illi issir *black spot u stop sign* spjegati mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

**48.9.4 Mozzjoni b'urġenza mressqa mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u issekondata mis-Sindku (131 – 14/03/23):**

*''Tipproponi sabiex minħlokk is-central stip ta quddiem il-Beno's issir round about''*

Kien hemm qbil li nitolbu l-Perit tgħamel *sketch*.

**48.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 27 ta' April 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Marzu 2023.

| | |
|---|---|
| *IFFIRMAT* | *IFFIRMAT* |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |